Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 15 ta' Settembru 2023**

**Kawza Numru 746/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Versus**

**Gilmore Grima**
**(19396M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Gilmore Grima** ta' 27 sena, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 19396M.

Akkuzat talli bejn Lulju 2022 u 27 ta' Jannar 2023, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin : -

1. Kiser il-liberta' provizorja billi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Magistrat Dr J. Demicoli LL.D. b'digriet moghti nhar il-11 t' April 2021 li bih ha l-helsien mill-arrest;

2. U kif ukoll talli ghix hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg;

Il-Qorti hija gentilment mitluba tirrevoka s-somma imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija liema somma totali ghandha tigi mghoddija favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Gilmore Grima u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat fejn b'digriet hawn fuq imsemmi, kien inghata l-helsien mill-arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba li titratta mal-imputat bhala recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi tal-Qorti (Malta), liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-20 ta' Marzu 2023 xehed PC2003 Christopher Caruana fejn qal li fis-27 ta' Jannar 2023 gie infurmat mis-surgent tieghu li Gilmore Grima kien wanted mill-Ispettur Sarah Zerafa sabiex jigi mitkellem fuq ksur ta' bail u ghalhekk ghal-5.10pm, waqt illi kien fir-ronda tal-Marsa lemhu lil Gilmore Grima, li gharaf fl-awla, gewwa l-gazebo fit-Triq il-Marsa, Marsa. Kellmu lil Gilmore u qalulu li kien wanted mill-Ispettur biex tkellmu u haduh l-ghassa tal-Marsa u kien eskortat lejn l-ghassa tal-Hamrun. Hu kien ra lil Gilmore diversi drabi fl-ahhar xhur f'diversi toroq tal-Marsa u gol-gazebo fejn gieli nnutawh rieqed u meta kellmuh kien qalilhom li kien homeless. Kien ikun fil-kumpanija ta' Claydianne Cassar. Hu pprezenta rapport li gie mmarkat Dok CC1.

Illi xehdet Stephania Calafato Testa fejn pprezentat Dok SCT1 li huwa digriet datat 11 ta' April 2021 mill-Magistrat Josette Demicoli u verbal datat 16 ta' Gunju 2022 tal-Qorti kif ippreseduta fejn jidher li l-imputat ma' kienx deher. Il-kaz ghadu pendenti u l-kundizzjonijiet ghadhom in vigore.

Illi xehed PC2190 Julian Caruana fejn qal illi fis-27 ta' Jannar 2023 ghal habta tal-5.00pm waqt illi kienu patrol fil-Marsa raw lil Gilmore Grima, li gharaf fl-awla, u marru jkellmuh ghax dakinhar stess is-Surgent tieghu kien qallu li kien wanted mill-Ispettur Zerafa. Minn hemm haduh l-ghassa tal-Hamrun u hallewh hemm. Fl-ahhar sitt xhur kien jkun spiss il-Marsa kemm mal-gurnata kif ukoll mal-lejl, gieli sabuh rieqed taht gazebo u meta kienu jsaqsuh x'kien qieghed jaghmel il-Marsa, kien jghid illi kien homeless. Meta kienu joffrulu l-ghajnuna l-imputat ma' kienx jaccetta.

Illi xehdet Donalise Camilleri li bhalissa kienet qieghda ssegwi lil Gilmore Grima, li gharfet fl-awla, fuq ordni provizorja ta' supervizjoni li kienet

harget fil-11 ta' April 2021 u ghadha in vigore. Kienet ratu darba biss, fit-3 ta' Gunju 2021, meta kien mar jinfurmaha illi ma setax jattendi ghall-appuntament li kellu, u biex taghtih appuntament iehor. Hi kienet taghtu hafna appuntamenti izda qatt m'attenda, ghalkemm kien gieli infurmaha kemm hu jew ommu li ma setax jattendi. L-ewwel kienet issegwih kollega taghha fuq ordni ta' trattament u ma baqghetx, izda minn meta saret is-sostituzzjoni l-imputat qatt m'attenda.

Illi fit-22 ta' Mejju 2023, xehdet l-iSpettur Sarah Kathleen Zerafa li pprezentat bail book ta' Gilmore Grima, li gharfet fl-awla, fejn juri li kien ilu hafna ma' jiffirma u l-Pulizija mill-ghassa ta' Bormla infurmawha li ma kienx qieghed jiffirma. Ix-xhud ghamlet referenza ghal Dok SKZ1 li kienet ipprezentat hi, u Dok SCT 1 li gie pprezentat mir-rapprezentant tal-Qorti li huma l-istess dokument tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ta' Gilmore Grima, fejn fil-11 t'April 2021 kienet resqet hi stess lil Gilmore Grima u inghata l-helsien mill-arrest. Il-kaz ghadu in vigore u qieghed jinstema mill-istess Qorti. Dok SKZ 3 hija l-istqarrija ta' Gilmore Grima li kienet hadet hi stess fis-27 ta' Jannar 2021, fejn hu qalilha li ma kienx qieghed jiffirma ghax ma kienx jaf illi kellu jiffirma, u li ma kellux fejn joqghod. Dok SKZ4 hija d-dikjarazzjoni li hu ghazel li ma jikkonsultax m' Avukat.

Illi fit-12 ta' Gunju 2023, xehdet Marica Mifsud li pprezentat kopja tas-sentenza fil-konfront ta' Gilmore Grima deciza fid-9 ta' Dicembru 2019 mill-Magistrat Claire Stafrace Zammit li giet mmarkata bhala Dok MM1. Ipprezentat ukoll sentenza ohra deciza mill-Magistrat Grazio Mercieca fit-8 ta' Jannar 2018. Ix-xhud ikkonfermat illi ma kienx hemm appell minnhom it-tnejn.

Illi fil-31 ta' Lulju 2023 xehed l-imputat Gilmore Grima, fejn qal illi hu kien qieghed jghix barra fiz-zmien bejn Lulju 2022 u Jannar 2023, ghax kien homeless minhabba li d-droga kienet rikbitu u lanqas kien jaf jekk kienx haj jew mejjet, u b'hekk ma kienx qed imur jiffirma. Bhalissa kien qed jigi segwit minn Probation Officer u kien sejjer tajjeb hafna u kien irranga biex kif johrog, jibda jahdem u jmur jghix m'ommu u jiehu hsieb lil ommu u lit-tifel tieghu li ghandu sitt snin.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi jirrizulta illi l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest fil-11 ta' April 2021 u kien gie arrestat f'Jannar 2023 ghax kien ilu diversi xhur

ma jmur jiffirma l-bail book li gieipprezentat[1]. Fil-fatt jirrizulta wkoll li peress li kien homeless, ma kienx qieghed jirtira fid-dar fil-hinijiet li kienu inghataw fid-digriet, apparti li ma' kienx informa lil Pulizija li ma kienx ghadu jirrisjedi fl-indirizz indikat. Jirrizulta wkoll mill-provi mressqa illi l-imputat kien qed jghix hajja ta' ghazz u vagabundagg.

**Illi jidher li l-imputat kien diga' inghata diversi opportunitajiet sabiex ibiddel hajtu u jeghleb il-vizzju tad-droga, u sahansitra tpogga taht Ordni ta' Trattament, izda dan irrifjuta li jiehu l-ghajnuna u jibdel id-direzzjoni, u kien biss meta gie nkarcerat taht arrest preventiv, illi l-imputat beda jiehu l-ghajnuna u jirriforma ruhu.**

Illi wara li semghat ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 338(w) u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-**imputat hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal **tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva, kif ukoll ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna ir-ri-arrest ta' l-imputat**.

Ai termini ta' l-**Artikolu 579(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna illi l-ammont ta' **tlett elef u hames mitt Euro (€3,500)** bhala parti mill-garanzija personali ta' l-imputat, fid-digriet datat 11 t'April 2021[2] (Magistrat Dr Josette Demicoli) jigi kkonfiskat u jghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**

[1] Dok SKZ1
[2] Dok SCT1